# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba’ Legislatura

Laqgħa Numru 1/2018

17 ta’ Jannar 2018

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Safi ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f’40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:7:00 pm flok fis-6:00 minħabba l-Laqgħa Pubblika.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |
| Publio Abdilla | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

1.1 Qari tal-ittri ta’ Apologiji
Ma kienx hemm qari tal-ittri ta’ Apoloġiji.

1.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta’ minuti

1.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha preċidenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

1.2.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi rigward ref punt 14.4.2 din il-persuna kellha tmur tara s-sala l-Ħadd. Il-Kunsill qabel illi għandha tikkomunika mal-Kunsill b'din it-talba tagħha.

1.2.3 Is-Sindku Johan Mula qal illi ref punt 14.2.6 il-meeting ġie rescheduled għal l-Erbgħa 24 ta' Jannar.

1.2.4 Is-Sindku staqsa jekk ref punt 14.2.5 kinitx ġiet stabbilita ġurnata meta għandha ssir il-Car Show. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Car Show kellha ssir nhar il-Ħadd 25 ta' Frar filġhodu. Il-Kunsilliera kkonfermat ukoll illi fil-pjazza ser ikun hemm static car show bil-landrovers. Il-Kunsill qabel illi għandha tingħalaq Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja u niddevjaw it-traffiku bħal meta jkun hawn il-festa tar-raħal. Il-Kunsill qabel ukoll illi għandna nagħmlu l-arranġamenti meħtieġa sabiex ntellgħu din l-attivita.

1.2.5 Is-Sindku qal illi ref punt 14.3.6 kellna l-approvazzjoni illi l-persuna mid-dipartiment tas-Social Security tattendi kull nhar t'Erbgħa pero' bħala ħin kien hemm qbil illi l-ħin ikun waqt li jkun hawn is-servizz tal-Maltapost jiġifieri mill-10:00am sa Nofsinhar .

1.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 14.6 it-Tender tal-Bulky Refuse kien ingħata u l-kuntrattur kien beda jopera mill-bidu tas-sena. Huwa qal illi s-servizz issa qiegħed jingħata darbtejn fil-ġimgħa u jidher li kollox miexi sewwa.

1.2.7 Is-Sindku qal illi (ref punt 14.9) veru li l-bankina li hemm fi Triq il-Kenn hija waħda mill-bankini li l-Kunsill għandu jikkonsidra li jibdel. Il-Viċi-Sindku qal ukoll illi il-bankina li hemm fi Triq San Pawl u Triq Ħlantun huma antikissimi u li ukoll waslu sabiex jinbidlu.

1.2.8 Il-Kunsillier s-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kellniex nagħmlu l-linji sofor fil-kantuniera ta' Triq il-Palma. Is-Sindku kkonferma illi għad iridu jsiru mal-kaxxi l-bojod li kien hemm għal parking. Il-Kunsill qabel illi għandna noqogħdu attenti sabiex dawn isiru sew u ma jkunx hemm aktar ostakli fil-kantunieri.

1.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

1.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-bandli kienu nqalgħu u li hekk kif nirċievu l-clearance min-naħa tac-CRPD konna nkunu nistgħu nibdew ix-xogħol tant mistenni fil-bandli.

1.3.2 Is-Sindku qal illi t-tender għal Mizura 4.3 kien kważi lest u li x-xogħol irid ikun lest sal-aħħar ta' Ġunju ta' din is-sena.

1.3.3 Is-Sindku qal illi rigward ir-restawr taċ-Ċentru Parrokjali diġa kien ġie l-Perit u li konna qiegħdin nikkomunikaw b'kopja lill-Kapillan sabiex ikun jaf x'inhu jiġri. Ix-xogħol ukoll għal dan iċ-Ċentru għandu jkun lest din is-sena u ħafna mix-xogħol għandu jsir fis-sajf.

1.3.4 Is-Sindku qal illi taħt Mizura 4.3 ukoll, it-tender għat-triq li ser jasfaltaw Transport Malta daqt joħroġ. Huwa kkonferma illi kien infurmat illi ma jistax isir twessigħ tat-triq, ix-xogħol li ser isir ser ikun scarifying tat-triq u asphalt mill-ġdid.

1.3.5 Is-sindku qal illi sfortunatament it-tender tat-triq il-Kuċċard kien ħareġ b'ċertu shortcomings u allura kellu jaqa', u li għandu joħroġ tender ġdid fi Frar. Huwa qal ukoll illi jittama li ma jkunx hemm aktar problemi sabiex jkun jista' jitkompla x-xogħol.

1.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk nistgħux nagħmlu l-portable cameras fejn għandna problema tal-ħmieġ pero' s-Sindku qal illi din l-operazzjoni tiġi tiswa' ħafna flus u time consuming kemm biex taċċessha kif ukoll biex tipprocedi għal-qorti. Is-Sindku qal illi konna ġibna kwotazzjoni ta' Dome Camera li ser nwaħħlu fil-bandli li għandna l-konferma li l-uċuħ ser ikunu jingħarfu. Il-Kunsill approva x-xiri ta' din il-kamera.

1.3.7 Is-Sindku qal illi kien avviċinah is-Sur Zammit li joqgħod Triq ta' Gawhar li qiegħed jilminta illi d-dar tiegħu hija bejn żewġ garaxxijiet, u quddiem wieħed minn dawn il-garaxxijiet jipparkjaw b'tali mod illi jkunu qiegħdin quddiem id-dar tiegħu. Għalhekk is-Sur Zammit qiegħed jagħmel talba sabiex isirulu double yellow lines quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill m'approvax illi jsiru l-linji s-sofor quddiem id-dar u għal issa jaqblu li għandu jkellem lil persuna li tipparkja quddiemu bil-kelma t-tajba.

1.3.8 Is-Sindku qal illi kien avviċinah ukoll is-Sur Victor Chircop li għandu għalqa fit-triq tal-Karwija, fejn sabiex wieħed jasal għall-entratura tiegħu għandek iddur nofs ċirku tond. Is-Sur Chircop qiegħed jilminta illi jekk ikun hemm xi ħadd ipparkjat f'din it-trejqa li tasal għall-entratura tiegħu jkolli jirriversja t-triq kollha u għalhekk kien qiegħed jitlob illi l-Kunsill jagħmel tabella fejn tgħid illi m'għandux isir ostaklu f'din it-trejqa. Il-Kunsill ma qabilx illi għandu jagħmel it-tali tabelli għaliex din hija xi ħaġa personali. Pero' kien hemm qbil li jsiru double yellow lines fil-kantuniera qabel id-dahla li taghti ghall-ghalqa tas-Sur Chircop.

1.3.9 Is-Sindku qal illi diversi nies ġibdulu l-attenzjoni illi fi Triq Dun Guzepp Caruana kantuntiera ma Triq il-Ħajt Ruman qiegħed iżomm l-ilma tax-xita. Is-Sindku qal illi diġa' kien kellem lil Perit tagħna fuq din il-problema u ssuġerixxa illi għandha tikber il-bankina sabiex l-ilma jinżel l-isfel. Il-Kunsill qabel illi għandna nikkonsultaw ma Transport Malta sabiex jagħmlu survey.

1.3.10 Is-Sindku qal illi jaħseb li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jidentifika jekk għadx fadal lok illi School Street fejn hemm tal-Paradise tibqax 2 ways għaliex qiegħed ikun hemm kongestjoni ta' traffiku. Il-Kunsill qabel illi għandna nitkellmu ma Transport Malta sabiex naraw jekk wasalx iż-żmien illi issir one way pero' l-Kunsill qabel ukoll illi għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti u l-ħwienet u li l-ahjar li t-triq tigi one way u ma jkunx hemm access minn naha ta' Triq iz-Zurrieq.

1.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

1.4.1 Il-Kunsilliera s-sinjorina Joanna Abdilla ssuġġerixxiet illi għandna nużaw il-portable cameras għaliex tħoss li huma utli.

1.4.2 Il-Kunsilliera s-sinjorina Joanna Abdilla qalet ukoll illi il-laqgħa rigward l-ikel u nutrijenti ser tkun nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar u li s-safra li kienet proponiet għal sqallija ser tippostponiha għas-Sajf u li għalissa forsi kienet ser torganizza ġurnata Għawdex. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi jekk jaqbel il-Kunsill hu lest li jmur flokha meta jkollha ħarġa.

1.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi hemm xi kunsilli li ħadu fondi sabiex jissewwew il-qtates stray li jkun hawn jiġru fit-toroq. Il-Kunsill qabel illi għandna naraw ma Animal Welfare sabiex inkunu nistgħu napplikaw.

1.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala qal illi kien tkellem mas-Sur Warren rigward it-tiġrijiet li ser isiru fi Frar 2018. Huwa qal illi sabiex ikollna aktar promozzjoni fuq dawn iż-żewġ tiġrijiet, isiru in collaboration mal-Kunsill ta' Ħal Safi u l-Kunsill jagħti xi tokens bħal ma nagħtu fit-tiġrijiet ta' Chouhal. Is-Sur Carlo Stivala qal ukoll illi fuq xi stazzjon imbagħad issir clip ta' ħames minuti, u b'hekk ikun hawn aktar għarfien fuq l-inizjattivi li jkun qiegħed jieħu sehem il-Kunsill tagħna.

1.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-arblu li kien irraporta li hemm fin-nofs ta' Triq tal-Ajzar għadu hemm u li kien irrapurtat u tneħħa ieħor minflok. Id-Deputat Segretarju kkonfermat illi ser tirraporta dan l-arblu ukoll.

1.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi r-rounabout li hemm fin-nofs fi Triq San Pawl għadha ma tranġatx. Is-Sindku qal illi trid tingħalaq it-triq sabiex isir ix-xogħol għaliex perikoluż għal ħaddiema li jaħdmu fin-nofs. Il-Kunsill qabel illi għandna norganizzaw sabiex titranġa din ir-roundabout.

1.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi waqt ir-Rapport Amministrattiv ma ssemma' xejn rigward il-kuntratt tal-landscaping. Id-Deputat Segretarju qalet li veru li kienet insiet ssemmi li konna waqafna u li konna ser nerġgħu noħorġu kwotazzjoni ġdida.

1.4.7 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-kalendarju li jsir kull xahar ukoll għandu jissemma waqt ir-Rapport Amministrattiv.

1.4.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet ukoll illi l-bank li hemm fi Triq San Tumas huwa ta' nkonvinjent u għandu jitneħħa. Il-Kunsill qabel illi għandna nkellmu lil ġirien ukoll li jgħixu ħdejn il-bank sabiex iż-żibel jitpoġġa wara biebhom.

1.5 Rapporti – Estimi Finanzjarji 2018

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Estimi Finanzjarji li kienet għamlet u li kien tqassam lill-Kunsilliera qabel is-seduta. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

1.6 Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal illi d-Deputat Segretarju Eżekuttiv kienet qiegħda tagħmel xogħolha sew u propona li tingħata l-masimum tal-ammont. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Dan ir-rapport flimkien ma estratt tal-minuti ser jitressqu għall-attenzjoni tad-dipartiment tal-Gvern Lokali biex japprova tali performance bonus.

1.7 Korrispondenza

1.7.1 Il-Kunsiliera is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward e-mail mibgħuta mingħand is-Sur Ivan Farrugia rigward il-Podoloġija. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi bħal issa kien qed ikun hawn il-podjatrista darbtejn fix-xahar u diġa' konna qiegħdin inkunu mimlijin il-ħin kollu. Hija spjegat li kienet bagħtet sabiex jekk iridu jinqdew nies miż-Żurrieq ukoll, għandhom jiżdiedu l-ġranet.

1.7.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward ir-reminder tal-World Clean Up Day. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet applikat bħal l-aħħar darba u li l-unika differenza issa kienet illi l-għada kellna niġbru l-boroż tal-iskart aħna.

1.7.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet lil Kunsill jekk kinux jaqblu illi napplikaw sabiex ikollna l-Blood Donation Unit. Il-Kunsill qabel.

1.7.4 Is-Sindku staqsa rigward l-email mibgħuta mingħand Manwel Piscopo rigward iż-żewġ parking bays li hemm fil-kantuniera ta' Triq Dun Karm Lia. Is-Sindku qal li kien kellmu sid il-ħanut sabiex biex titaffa l-problemi ta' ħafna karozzi pparkjati fil-kantuniera forsi aħjar li dawn iż-żewġ parking bays ikunu

loading/unloading sabiex l-aġenti li jiġu jkunu jistgħu jipparkjaw f'dawn il-bays u ma jkunux ta' ostaklu għat-traffiku. Il-Kunsill qabel ma din it-talba. Id-Deputat Segretarju qalet li kienet bagħtet lil sid il-ħanut sabiex huwa jagħmel din it-talba lil Transport Malta.

1.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

1.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduata li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil- 9.05 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 12 ta' Frar fit-5:30 pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv